VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,395, 20 ta' Marzu, 2015
Taqsima B

A.L. 106 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2015 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2010 tal-Kors għall-Pre-Tertiary Certificate in the Foundations of Coaching

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2015 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2010 tal-Kors għall-Pre-Tertiary Certificate in the Foundations of Coaching u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2010 tal-Kors għall-Pre-Tertiary Certificate in the Foundations of Coaching, ippubblikati bħala Avviż Legali 170 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mit-23 ta' Jannar, 2015 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

3. Il-paragrafu (2) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu ji[i mħassar.

4. Il-paragrafu (3) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (2).